# *Is-Sirena ta' taħt il-baħar*

***Alessia Falzon***
***Form 1 Topaz***

Darba waħda kien hemm sirena li kienet tgħix taħt il-baħar. Din is-sirena kienet ħelwa ħafna u kienet iffortunata ħafna għax missierha kien ir-re tal-baħar fejn kienet tgħix hi.

Pippa, għax is-sirena hekk kien jisimha, kienet kburija ħafna. Bejn għax kienet ħelwa ħafna u anke għax missierha kien ir-re. Ta' min ngħidu li Pippa ma kellhiex ħbieb. Hi kienet tgħajjar lil kull sirena u ħuta li kienet tgħaddi minn quddiemha. Missierha kien il-kontra. Tgħidx kemm kien iħobb jgħin nies.

Darba waħda Pippa rat sirena li kienet ftit iżgħar minnha. Din is-sirena kellha xagħarha kannella u Pippa malli ratha qabdet tgħajjarha. (Proprjament bdiet tgħajjarha għax kienet għajjura) u anke għax kellha xagħarha isbaħ minn tagħha. Matul iż-żminijiet l-għira bdiet tikber aktar meta kwantità kbira ta' ħut beda jdur magħha li saħansitra Pippa spiċċat waħidha.

Missier Pippa beda jinkwieta mhux ftit. Darba għajjat ma' Pippa. Pippa qatt ma ratu daqshekk irrabjat. Għalhekk maż-żmien kellha tinbidel. Bdiet tgħin lil kull min ikollu bżonn l-għajnuna u tkellem lil min tara. Issa s-sitwazzjoni kienet inbidlet għax Pippa issa kellha ħafna ħbieb.

Maż-żmien missierha kellu jnaqqas mix-xogħol ta’ re. Għalhekk kellu jagħżel u jafda lil xi ħaddieħor. Is-sireni kif ukoll il-kreaturi tal-baħar qablu li Pippa għandha tkun ir-reġina tal-baħar. Pippa tgħidx kemm damet tirringrazzjahom u tgħidx kemm ferħet għax il-ħolma tagħha kient saret realtà.

